MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 1013/2010

**Elton Borg**

**Vs**

**Clifton Axisa**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-7 ta' Ottubru 2010 l-attur talab hlas ta' danni li qal li sofra f'incident li sehh fit-13 ta' Settembru 2006 gewwa l-Mellieha meta l-konvenut zelaq u tilef il-kontroll tas-senter li kien qieghed igorr u gie sparat tir li laqghat lill-attur. L-attur ppremetta li l-incident sehh tort tal-konvenut ghaliex naqas milli jiehu prekawzjonijiet meta kien qieghed igorr is-senter.

Il-konvenut wiegeb (fol. 11):

1. It-talbiet attrici huma nfondati ghaliex *"…. L-incident in kwistjoni **ma sehhx tort unikament** ta' l-intimat, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza"*.
2. L-ammont ta' danni hu kontestat.

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

**Responsabbilta'**.

1. Mit-twegiba guramentata hu evidenti li l-konvenut jammetti li ghandu tort, pero' jsostni wkoll li t-tort ma kienx biss tieghu. Mid-dikjarazzjoni li saret mat-twegiba guramentata jidher li qieghed jalludi ghal fatt li l-attur kien miexi warajh.

2. F'rapport li kien sar mill-Brigadier Maurice Calleja fl-inkjesta li saret f'dan l-incident, jinghad li s-senter:

   *"… kien tat-tip Semi Automatic. Din is-sistema tiffunzjona permezz li jiddahhlu skratac ikkargati fil-magazine tas-senter u meta jingibed lura il-Cocking Lever, skartocc ikkargat jittella' fil-kanna lest biex jigi sparat meta jinghafas il-grillu u naturalment meta s-Safety Catch jitpogga fuq il-FIRE Position."* (fol. 76-77).

3. L-incident sehh ghaliex l-attur zelaq u s-senter spicca mal-art. Jidher li bl-impatt mal-art, hareg tir mill-arma u ntlaqghat l-attur. Il-konvenut xehed:

   *"Nghid li konna mexjin u Elton kien warajja. Jiena kont niezel in-nizla. Nghid li kont naf li qed isegwini Elton pero' ma kontx naf li qieghed ezatt warajja. Malli ghamilt l-ewwel 4 passi, it-tafal mar bija u zlaqt u rmejt is-senter minn idi bhala safety. Sadanittant, Elton zelaq mieghi wkoll u ma kontx indunajt li hu waqa' wkoll u nghid li s-senter gie posizzjonat ma' saqajja u fil-fatt ilqatt bis-senter lil Elton f'kuxtejh. Is-senter ha wahdu. Nghid jiena waddabt is-senter bhala safety iktar 'l boghod minni pero meta zlaqna fit-tafal tkaxkart iktar 'l isfel u ghalhekk gejt vicin is-senter. Mistoqsi x'safety features kellu s-senter li kont qed nuza' dakinhar, nghid li kull ma hemm kien biex izomm il-grillu. Il-pin ma kienx f'postu. Kien fire. Meta kien safety catch off taghfas il-grillu u s-senter jiehu"* (fol. 58)[1].

   Minn kliem il-konvenut stess hu evidenti li gie sparat tir mis-senter minhabba li ma kienx attiva s-*safety catch* tas-senter. Is-surgent tal-pulizija 560 Joseph Farrugia, li kien inhatar fl-inkjesta bhala espert tal-ballistika, xehed li: *"Mhux l-*

[1] Is-surgent Jeffrey Attard McCarthy xehed li kien mar fuq il-post tal-incident: *"Is-senter iccekjajtu jiena stess personalment, ccekjajtlu s-serial number u kollox u ccekjajt li kien vojt u **rajt li s-safety catch tieghu ma kienitx on.**"* (fol. 28c).

*ewwel kaz li seta' senter waqa' u ha. Mhix xi haga rari. Mhux l-ewwel darba fil-fatt li senter waqa' u ha"* (fol. 73B). Hu elementari li meta minn senter ma jkunux qeghdin jigu sparati tiri minnu jkollu s-*safety catch* attivata. Dan apparti li fil-fehma tal-qorti s-senter m'ghandux ikollu skratacc fih meta ma jkunx qieghed jintuza. Bl-uzu ta' ftit sens komuni l-incident ma kienx isehh.

4. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut qal:

*"….. ma kien hemm xejn censurabbli fil-fatt illi l-esponenti kellu safety catch tas-senter in kwistjoni off u ghalhekk fuq firing position stante illi z-zona fejn sehh l-incident kienet zona ta' kacca, u jekk l-esponenti kellu jzomm is-safety catch on kif donnu jissuggerixxi r-rikorrent* ***ma kienx ikollu l-hin fiziku li jispara ghall-kacca (ghasafar) li tghaddi f'daqqa****"*.

Il-qorti ma taqbilx in kwantu:

(a) Il-konvenut stess jaccetta li ghandu responsabbilta ghall-incident;
(b) F'kull kaz 'il fatt li jghaddi xi tajr f'daqqa ma jfissirx li m'ghandhomx jittiehdu prekawzjonijiet. Il-konvenut deliberament ha riskju meta ghazel li jimxi b'senter f'idu kkargat u li ma kellux *safety catch* attivita. Wiehed irid jiftakar li kien qieghed jimxi f'post fejn l-art kienet imxarrba u kien niezel nizla. Ghalhekk kien previdibbli li jista' jizloq. Bil-mod li argumenta l-konvenut hu evidenti li ghalih li jispara ghat-tajr jiehu kull precedenza fuq mizuri ta' sigurta' li kellu d-dmir li jiehu. Il-konvenut stess fin-nota ta' sottomissjonijiet qal (ara paragrafu 3.7) li l-lejl ta' qabel kienet ghamlet ix-xita. Kompla jghid li dan kien wiehed mill-fatturi li waslet biex zelaq. Argument li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li kuntrarjament ghal dak li qal il-kovenut dak li gara mhux kien minhabba xi avveniment insolitu izda minhabba negligenza tal-konvenut. Hu ovvju li meta persuna tkun qeghda tinsel nizla fuq terren imxarrab u li m'huwiex sod, hu previdibbli li tista' tizloq. Kuntrarjament ghal dak li qal il-konvenut, kieku uza d-diligenza ta' *bonus paterfamilias* l-arma ma kenitx tiehu.

5. Il-konvenut qal ukoll li l-prattika tal-kacca hi perikoluza u *"…. r-rikorrent dahal ghalih volontarjament u konxjament bi ftehim ma' l-esponenti li jidhol ghar-riskju li jwegga"*. Il-qorti m'hijiex tal-istess fehma. Kienet id-decizjoni tal-konvenut li jhalli s-*safety catch off*, kif qal hu sabiex ikun jista' jispara minghajr telf ta' hin fid-direzzjoni ta' tajr li jghaddi f'daqqa. Li kieku l-konvenut ta' prijorita' lis-sigurta ma kien ser ikun hemm l-ebda periklu. Periklu jkun hemm meta min bhal konvenut iwarrab l-aspett ta' sigurta fil-gemb biex ma jitlifx opportunita li joqtol tajra. Agir irresponsabbli li jwassal ghal dawn it-tip ta' incident.

6. Ma tressqux provi li l-attur kellu xi tort. 'Il fatt li l-attur kien miexi wara l-konvenut ma kienx il-kawza prossima tal-incident. Il-konvenut kien il-persuna li kellu l-kontroll tal-arma u hadd iktar. Kien fid-dmir tieghu li jizgura li jiehu l-mizuri ta' sigurta u mhux issa li gara dak li gara jippretendi li ghan-nuqqasijiet tieghu hemm xi negligenza kontributorja tal-attur.

**<u>Likwidazzjoni</u>**.

1. L-attur twieled fis-17 ta' Lulju 1990. L-incident sehh fit-13 ta' Settembru 2006. Ghalhekk fid-data tal-incident l-attur kellu 16 il-sena. Skond rapport mediku ta' Mr Frederick Zammit Maempel, l-attur qieghed isofri minn debilita' permanenti ta' 35%. Waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2010, id-difensur tal-konvenut iddikjara:

   *"…. Minghajr ma jaccetta r-responsabbilta' personali ta' l-intimat ghall-incident, jaqbel li d-dizabilita' odjerna tar-rikorrent hi ta' kif imsemmi fir-rapport ta' Mr Frederick Zammit Maempel u cioe' ta' 35% u dan hu kawza ta' l-incident"* (fol. 26).

2. Hu evidenti li fid-data tal-incident l-attur ma kellux qliegh. F'nota prezentata waqt seduta tas-16 ta' Mejju 2011 l-attur iddikjara li ghal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni l-qorti ghandha tapplika l-qliegh li kellu fis-sena 2010 li kien ta' €8,739 (ara wkoll id-dokument FS3 a fol. 38). Jippretendi wkoll li wara li l-qorti tiehu in konsiderazzjoni zieda fil-qliegh matul is-snin, il-kalkoli ghandhom isiru fuq dhul ta' €9,989.43. Meqjus l-eta' zghira tal-attur meta sehh l-incident, il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq dhul ta' €9,500.

3. €9,500 x 34 sena x 35% (rata ta' debilita) – 20% (*lump sum*)[2] = **€90,440**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-attur. Ghal finjiet tat-tieni talba tillikwida s-somma ta' disghin elf erba' mija u erbghin ewro (€90,440) u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' disghin elf erba' mija u erbghin ewro (€90,440). Spejjez a karigu tal-konvenut**.

[2] Il-kawza giet prezentata fis-7 ta' Ottubru 2010. Peress li sal-lum ghadhom m'ghaddewx erba' snin minn meta nbdew il-proceduri, il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha ssir xi riduzzjoni minn dak il-persentagg. Ghalkemm hu minnu li l-incident sehh fit-13 ta' Settembru 2006, madankollu f'dan ir-rigward ma jistax jiehu beneficcju minn tali fatt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------